


*"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi" (Luqa 1:46-47)*

**L-Immakulata Kunċizzjoni...**
**Ħarsa biblika**

**Fr Charles Buttigieg**

## Storja ta' Imħabba

Fil-persuna tal-Verġni Marija naraw l-isbaħ storja ta' imħabba ta' bejn Alla u l-kreaturi tiegħu. Xi jfisser li Marija tnisslet bla tebgħa tad-dnub oriġinali? Dan ifisser li ġiet ppreservata mid-dnub ta' Adam u Eva u tnisslet bl-ikbar intimita` u għaqda m' Alla. Mhux ta' b'xejn mela li f'Marija naraw il-glorja t'Alla, dik li hi mimlija bil-grazzja. Dik li hi l-ewwel frott tar-redenzjoni ta' Kristu. Id-dnub hu distakk minn Alla, imma f'Marija id-dnub m' għandux postu, għaliex hija qiegħda tassew f'għaqda perfetta m' Alla. Hija ġiet magħżula sabiex tkun Omm il-Feddej. Kien hemm bżonn li titwieled qaddisa sabiex trawwam lit-tarbija Ġesu` fl-umanita` tagħha.

## Sa' mill-Eternita'

Din l-istorja ta' mħabba hija inizjattiva t' Alla. Sa mill-eternita` Alla għażel biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Iżrael, tfajla Lhudija minn Nazaret tal-Galilija, "xebba mgħarsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija." (Lq 1:26-27). Marija tnisslet l-ewwel fil-moħħ t' Alla. Alla li sa minn qabel lemaħ il-kobor ta' din il-mara ta' Iżrael. 'Potuit, decuit, ergo fecit', għal Alla dan kien possibbli, kien jixraq u għalhekk għażilha għall-missjoni tiegħu. Alla li ried jikkomunika ruħu mal-umanita`, jagħżel dan il-mument l-iktar partikulari, l-iktar perfett fil-persuna ta' Marija._

## Fl-Istorja tas-Salvazzjoni

Marija tnisslet fl-istorja tal-poplu ta' Iżrael. Il-missjoni ta' Marija tħejjiet minn diversi persunaġġi fl-Antik Testment speċjalment meta nħarsu lejn xi uħud mill-persunaġġi nisa. Dan narawh fil-Ġenesi 3:15: "U jien, inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu", f'Sara li Alla jbierak il-wild tagħha, fl-istorja ta' Samwel u Ġwanni l-Battista. Marija tnisslet minn familja l-iktar safja u ta' mħabba, dik ta' kif jurina l-ktieb apokrifu ta' San Ġakbu, il-Proto evanġelu tiegħu, fejn Marija tnisslet frott ta' l-imħabba li tant kienu ilhom jistennew il-ġenituri tagħha Sant'Anna u San Ġwakkin. Dik li kienet fost iċ-ċkejknin ta' Iżrael ġiet magħżula sabiex tkun Omm il-Feddej, ġiet mogħtija minn Alla doni li jixirqu lill-uffiċċju għoli tagħha. Il-ġamar li kien qed jinħema fl-istorja, sar dawl għad-dinja kollha fil-persuna ta' Marija. Kien għalhekk li l-anġlu fit-tħabbira tiegħu, isellem lil Marija "mimlija bil-grazzja" (Lq 1:28) u tilqa` bil-ferħ il-missjoni fdata lilha.

*ikompli f'paġna 63*




## It-Tagħlim tal-Knisja

Il-Knisja ntebħet matul iż-żminijiet li Marija mimlija bil-grazzja ġiet mifdija sa mit-tnissil tagħha kif tgħid id-domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija fil-Bolla "Ineffabilis Deus" tal-Papa Beatu Piju IX fl-1854: "L-Imqaddsa Verġni Marija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja u favur singulari ta' Alla li jista` kollox, f'ġieh il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesu` Kristu, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet għal kollox ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel."

Missirijiet il-Knisja tal-Lvant isejħu lil Omm Alla 'Panaghia' - dik li hi kollha kemm hi qaddisa; u jqimuha bħala dik li kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub għax qisha magħġuna mill-Ispirtu s-Santu u magħmula ħolqien ġdid. San Irinew jgħid: "L-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija, dak li rabtet Eva bin-nuqqas ta' fidi tagħha, ħallithu Marija bil-fidi tagħha." Hija s-Santwarju Qaddis tal-Ispirtu s-Santu, kif jgħidilna San Ġwann Dammaxxenu.

Alla qies minn qabel il-merti tal-istess Iben tiegħu sabiex iħares lil Ommu minn kull tebgħa ta' dnub. San Anselmu jgħidilna li Marija hi verament imlibbsa bil-kwiekeb, hi verament dawl għal holqien, hi barka li jitbierek biha kulhadd: "Bik mhux biss il-ħolqien jitbierek mill-Hallieq iżda ukoll il-Hallieq jitbierek mill-ħolqien. Alla nissel lil dak li bih sar kollox. Marija welldet li dak li bih ġie salvat kollox."

## Konklużjoni

Jaqbel ħafna li niċċelebraw is-Solennita ta' l-Immakulata Kuncizzjoni proprju fil-bidu tal-Avvent li hu preparazzjoni għal Kristu permezz tal-Ispirtu. Hekk għamlet ukoll Marija li mimlija bl-Ispirtu aċċettat lil Kristu. Din l-istorja ta' mħabba li rajna f'Marija, Alla jagħmilha ukoll magħna għalkemm żgur b'mod differenti. Aħna ukoll inġorru ġo fina storja ta' vokazzjoni. Aħna li bl-ispirtu ħaj accettajna lil Kristu u nimxu warajh. Ejjew għalhekk nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn Marija, ejjew nintrabtu mal-ankra soda tagħha u t-tama tagħna tkun żgura f'din l-istorja famuża ta' imħabba.

**Biblijografija**


BERTETTO, D., *Maria la serva del Signore*, Napoli 1988.
O'CARROLL, M., *Theotokos. A Theological Encyclopedia of the Blessed Virgin Mary,* Washington – Delaware 1982.
PASSARELLI, G., *L'icona della Madre di Dio, con inno Akathistos*, Milano 1992.
STACPOOLE, A. (ed.), *Mary's Place in Christian Dialogue*, Middlegreen (U.K.) 1982.
ZUFFI, S., *Episodi e personaggi del Vangelo*, I Dizionari dell'Arte 4, Milano 2002.




Għandna għall-bejgħ
Banners
li jitwaħħlu mal-karozzi
bl-arma
tas-Soċjetà
Prezz:
€4